OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEDUC-21-2071**

27 ta’ Ġunju 2023

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tar-Rappreżentanti
Parlament ta’ Malta
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qegħdin bil-preżenti naġġornaw lill-Kamra tad-Deputati dwar żvilippi fil-każ ta’ *[omissis]*.

Dan il-każ kien ġie komunikat lilek fit-28 ta’ April 2022 flimkien mal-Opinjoni Finali tal-25 ta’ Jannar 2022 u l-ittra lill-Prim Ministru tas-6 ta’ April 2022.

Jirriżulta li wara li f’Mejju ta’ din is-sena sit elettroniku Malti tal-aħbarijiet beda jsegwi l-każ, l-Università ta’ Malta ċċaqalqet u għamlet proposta ta’ kumpens lill-akkademiku in kwistjoni. Din il-proposta tammonta bejn wieħed u ieħor għal żewġ terzi ta’ dak li kien rakkomandat fl-Opinjoni Finali tal-25 ta’ Jannar 2022. Dan l-Uffiċċju jinsab infurmat li l-proposta ġiet aċċettata, u għalhekk issa l-każ ingħalaq definittivament.

Dan l-aġġornament qed nibgħatuhulek biex jinġieb għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, u b’hekk ikun jifforma parti integrali mill-korrispondenza preċedenti.

Insellu għalik

Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Vincent A Degaetano
Kummissarju għall-Edukazzjoni

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Email: office@ombudsman.org.mt
www.ombudsman.org.mt